MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 1/2000/1

Francis Buttigieg

vs

Alfred Attard

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur li fih talab ghaliex m'ghandux il-konvenut jigi kkundannat, prevja li jigi dikjarat responsabbli ghall-incident stradali meritu il-kawza, illi jhallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin u sebghin centezmi (Lm465.70) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Qorti rapprezentanti danni u spejjez ohra li gew sofferti mill-attur f'tiswijiet ta' hsarat li gew ikkagunati fuq il-vettura tieghu u spejjez ohra relattivi u dan konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li gara

fis-16 ta' Awissu 1998 fi triq Gdida (maghrufa bhala Triq tal-Ghasri), Ghawdex, bejn il-vettura Volkswagon Golf bin-numru ta' registrazzjoni KAS-095 proprjeta' tal-attur u li fil-hin tal-incident kienet misjuqa minnu u l-'pick-up truck' Tatamobile bin-numru ta' registrazzjoni EBA-171 u li fil-hin tal-incident kien misjuq mill-konvenut, liema incident gara kollu tort tal-istess konvenut minhabba sewqan traskurat u b'manjiera perikoluza u kontra r-regolamenti tat-traffiku;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Ottubru 1998 u bl-imghaxijiet mid-data tal-incident sad-data tal-hlas relattiv. Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.

Il-konvenut irrisponda b'nota ta' eccezzjonijiet fejn eccepixxa:

1. illi l-kawza saret inutilment peress illi l-esponenti kien pro bona pacis accetta nofs ir-responsabbilita' ghall-incident u kien anki awtorizza lill-assikurazzjoni tieghu sabiex thallas nofs l-ammont reklamat mill-attur. Dan ma giex accettat mill-attur li qieghed jippretendi hamsa u sebghin fil-mija tar-ragun.

2. illi ghalhekk l-eccipjenti m'ghandux ibati spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi dwar kif sehh l-incident il-kontestanti jaqblu illi huma kienu qed jittranzitaw l-imsemmija triq, Triq l-Ghasri, diretti ghar-rahal tal-Ghasri. Il-konvenut kien qieghed isuq it-truck tieghu bl-attur isuq warajh b'xi distanza bejniethom. Huwa nkontestat illi l-habta meritu l-kawza grat meta l-konvenut ipponta jidhol f'fetha fuq ix-xellug tieghu konsistenti f'rampa li tiehu ghall-ghelieqi tal-istess

konvenut u waqt u fil-kors ta’ din il-manuvra l-attur baqa diehel u habat fin-naha tax-xellug tat-truck.

Esebiti fl-atti hemm l-iskizz u l-okkorrenza tas-Surgent tal-Pulizija (PS 1407) li nvestiga l-istess habta. Mill-iskizz jirrizulta: kif spiccaw il-vetturi rispettivi wara l-habta; l-hsara sofferta minnhom, li fil-konfront tal-vettura tal-attur kienet fuq il-genb ta’ quddiem tal-lemin, u dik tal-konvenut fuq il-genb xellugi fuq in-naha tal-bieba tal-passigier; il-wisgha ta’ dik il-parti tat-triq li minnha kienu qed jittranzitaw; u l-marki ta’ break li halliet il-vettura tal-attur. Dan l-iskizz sostanzjalment jirrispekkja dak li ntqal mill-kontendenti ‘a tempo vergine’.

Illi fil-kors tax-xhieda zviluppaw is-segwenti fatti:

- li l-konvenut, kif sostnut minnu mill-bidu nett, insista li kellu l-indicator mixghul, fatt ikkonfermat mix-xhud tieghu pero’ kontradett mill-attur;

- li l-attur stqarr li kellu velocita’ ta’ 40kfs u kien ghaddej wara l-konvenut qisu erba jew hames karozzi ‘l boghod;

- li faccata fejn kien diehel l-konvenut fuq in-naha opposta tat-triq hemm fetha ohra li wkoll taghti ghall-ghelieqi.

Issa l-konvenut qieghed jirreklama principalment n-nuqqas ta’ ‘proper look-out’ da parti ta’ l-attur stante li xeghel l-indicator u ta pre-avviz tal-intenzjonijiet tieghu. L-attur minn naha l-ohra jghid li mhux veru li l-konvenut ta pre-avviz u jadossa l-htija tal-habta fuq l-konvenut stante li l-manuvra ta’ dan ta’ l-ahhar ikkrejatlu u infaccatu b’emergenza subitanea.

Illi kemm decizjonijiet ta’ dawn l-Qrati u kemm awturi sostnew illi “is-sinjali li taghti persuna lil driver ma jassolvux lil dan mid-dover li joqghod attent ghal ‘road users’ ohra (Appell Pulizija v Bartolo – Vol.XXXVIII.868). Gie affermat wkoll li l-fatt li wiehed jixghel l-indicator ma jaghtihx id-dritt li jaghmel li jrid u tabilhaqq l-awtur Gibb (Trial of Motor Car Accident Cases) jghid li “the driver’s

duty is not confined to making signals; he must see so far as he can, that they have been understood". Xejn ghalhekk, u f'kull kaz, ma jiggova lill-konvenut li xeghel l-indicator stante li d-dover primarju tieghu kien li juza l-kawteli u l-prudenza misthoqqa kemm qabel u wkoll waqt l-manuvra li ghamel, aktar u aktar, meta l-manuvra kienet tikkomporta ostakolu ghall-vetturi tranzitanti f'dik il-karreggata.

Illi ghal din il-Qorti, wara li qieset c-cirkostanzi u l-provi, l-kawza immedjata u prossima tal-incident kienet biss il-manuvra tal-konvenut u ma tirriavviza xejn fis-sewqan tal-attur li hu seta' b'xi mod ikkontribwixxa.

Saret referenza wkoll ghal xi diskussjonijiet li pprecedew din l-azzjoni fl-liema l-attur kien iddikjara li kien lest jaccetta l-kwart. Fil-fehma tal-Qorti kull diskussjoni ta' dan it-tip issir bla pregudizzju bl-iskop li tinstab soluzzjoni u jigu evitati kawzi. Fil-kaz in ispecie d-diskussjonijiet ma kellhom ebda ezitu.

Tiddeciedi, ghalhekk, fuq l-iskorta ta' dan fuq espost, li responsabbli ghall-incident awtomobilistiku meritu l-kawza kien l-konvenut li qed jigi konsegwentement ikkundannat ihallas lill-attur l-ammont ta' erba' mija hamsa u sittin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm465.70) import tal-hsara fil-vettura tal-attur liema spejjez jirrizultaw gustifikati. L-ispejjez tal-kawza huma ukoll a karigu tal-konvenut. L-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tal-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------